

Brussell, 1 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

10587/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0177(NLE)**

---

---

**WTO 160  
UD 179  
COASI 105**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10306/20 WTO 142 UD 158 COASI 100 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Doganali stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' rakkomandazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Protokoll dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva - Adozzjoni

---

1. Fl-24 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq (dok. 10306/20 + ADD 1).
2. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ġie kkonsultat bil-miktub dwar dan it-test u approvah kif modifikat biex iqis għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 10584/20 u 10586/20;
- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat Doganali UE - Repubblika tal-Korea, kif jinsab fid-dokument 10586/20, ladarba jkun ġie adottat;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament.

---